MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru 14/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Justin Zahra u**
**Wayne Pisani**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuaż numru 14/2012 li biha l-akkuzat Justin Zahra [detentur tal-karta tal-identita` numru 181087M] u l-akkuzat Wayne Pisani [detentur tal-karta tal-identita` numru 218687M] gew akkuzati talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit- tlettax (13) ta` Novembru tas-sena elfejn u disgha

(2009) ghall-habta tad-disgha u nofs ta` filghaxija (9.30pm) f`Tas-Sliema, l-pulizija waqfu vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni VIP 387 li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa mill-akkuzat **Wayne Pisani**. F`din il-vettura l-pulizija sabu ammont ta` droga kokajina fil-pussess ta` **Wayne Pisani** liema droga kienet lesta biex tinbiegh lil terzi. Wara din is-sejba ta` droga l-Pulizija ghamlu tfittxija fil-fond 118, Flat 2, Triq Viani, Sliema fejn kienu joqghodu l-akkuzati **Justin Zahra** u **Wayne Pisani** u hemmhekk fuq mejda sabu quantita` ta` droga kokajina maqsuma fi hmistax-il pakkett zghir u mizien elettroniku u dan fost diversi affarijiet ohra relatati mat-traffikar u l-abbuz tad-droga. Din id-droga kokajina kienet maqsuma b`dan il-mod sabiex l-akkuzati **Wayne Pisani** u **Justin Zahra** ikunu jistghu jittraffikaw, ibieghu u jfornu d-droga kokajina lill- terzi bi profit ghalihom u dan a skapitu tas-socjeta Maltija.

Fil-fatt l-akkuzati stqarru mal-Pulizija li dakinhar stess kienu lahqu bieghu pakkett bid-droga kokajina lil terzi ghall-prezz ta` hamsin (€50) ewro.
Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Justin Zahra” l-akkużat **Justin Zahra** nstab ħati ta’ diversi reati.

Illi b’ghemilhom, l-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** saru hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort’ohra ttraffikaw id-droga kokajina minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga

msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u kif ukoll li l-akkuzat Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil **Wayne Pisani u Justin Zahra** hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw id-droga kokajina minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u li jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erbgha mija  hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzati.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fit- tlettax (13) ta` Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghall-habta tad-disgha u nofs ta` filghaxija (9.30pm) f`Tas-Sliema, l-pulizija waqfu vettura tat-tip

Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni VIP 387 li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa mill-akkuzat **Wayne Pisani**. F`din il-vettura l-pulizija sabu ammont ta` droga kokajina fil-pussess ta` **Wayne Pisani** liema droga kienet lesta biex tinbiegh lil terzi. Wara din is-sejba ta` droga l-Pulizija ghamlu tfittxija fil-fond 118, Flat 2, Triq Viani, Sliema fejn kienu joqghodu l-akkuzati **Justin Zahra** u **Wayne Pisani** u hemmhekk fuq mejda sabu quantita` ta` droga kokajina maqsuma fi hmistax-il pakkett zghir u mizien elettroniku u dan fost diversi affarijiet ohra relatati mat-traffikar u l-abbuz tad-droga. Din id-droga kokajina kienet maqsuma b`dan il-mod sabiex l-akkuzati **Wayne Pisani** u **Justin Zahra** ikunu jistghu jittraffikaw, ibieghu u jfornu d-droga kokajina lill- terzi bi profit ghalihom u dan a skapitu tas-socjeta Maltija. Fil-fatt l-akkuzati kienu ser ibieghu illegalment dawn il-pakketti bid-droga kokajina ghall-prezz ta` hamsin ewro-il pakkett. **Illi ghalhekk din id-droga kokajina instabet fil-pussess tal-akkuzati f`cirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv taghhom**.

**Wayne Pisani u Justin Zahra** ma kellhom l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollhom fil–pussess taghhom dawn il–medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.
Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Justin Zahra” l-akkużat **Justin Zahra** nstab ħati ta’ diversi reati.

Illi b’ghemilhom, l-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-

Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u li jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija  hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzati.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fit- tlettax (13) ta` Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghall-habta tad-disgha u nofs ta` filghaxija (9.30pm) f`Tas-Sliema, l-pulizija waqfu vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni VIP 387 li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa mill-akkuzat **Wayne Pisani**. F`din il-vettura l-pulizija sabu ammont ta` droga kokajina fil-pussess ta` **Wayne Pisani** liema droga kienet lesta biex tinbiegh lil terzi. Wara din is-sejba ta` droga l-pulizija ghamlu tfittxija fil-fond 118, Flat 2, Triq Viani, Sliema fejn kienu joqghodu l-akkuzati **Justin Zahra u Wayne Pisani** u fost diversi oggetti ohra relatati mal-abbuz u t-traffikar ta` droga, l-pulizija sabu fil-kamra tas-sodda tal-akkuzati erbgha blokok droga raza tal-cannabis u diversi bicciet ohra droga cannabis li b`kollox jammontaw ghal-iktar minn kilo (1kg) droga b`valur fis-suq ta` circa 6,500 ewro. **L-akkuzati Wayne Pisani u Justin Zahra kienu fil-pussess xjenti u illegali ta` dan l-ammont ta` droga raza tal- cannabis f`cirkostanzi li juru li ma kienitx ghal uzu esklussiv taghhom.**

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Justin Zahra” l-akkużat **Justin Zahra** nstab ħati ta’ diversi reati.

Illi b’ghemilhom, l-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-

Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** hatja talli kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom, kif ukoll illi Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal

kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmi akkuzati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fit- tlettax (13) ta` Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghall-habta tad-disgha u nofs ta` filghaxija (9.30pm) f`Tas-Sliema, l-pulizija waqfu vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta` registrazzjoni VIP 387 li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa mill-akkuzat **Wayne Pisani**. F`din il-vettura l-pulizija sabu ammont ta` droga kokajina fil-pussess ta` **Wayne Pisani** liema droga kienet lesta biex tinbiegh lil terzi. Wara din is-sejba ta` droga l-pulizija ghamlu tfittxija fil-fond 118, Flat 2, Triq Viani, Sliema fejn kienu joqghodu l-akkuzati **Justin Zahra u Wayne Pisani** u fost diversi oggetti ohra relatati mal-abbuz u t-traffikar ta` droga, sabu erbgha u sittin (46) pillola li minn analiżi u eżamijiet li saru wara mil-esperti forensiċi, ġie kkonfermat li dawn il-pilloli kienu jikkontjenu is-sustanza Benzylpiperazine (BZP) liema sustanza hija kontra il-ligi. **Dan l-ammont ta` pilloli juri illi din il-medicina psikotropika ma kienitx għall-użu esklussiv tal-akkuzati.**

L-imsemmija pilloli li fihom is-sustanza Benzypiperazine (BZP) huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** ma kellhom l-ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi biex ikunu fil-pussess ta’ dawn il- pilloli.

Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Justin Zahra” l-akkużat **Justin Zahra** nstab ħati ta’ diversi reati

Illi b’għemilhom, l-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** saru ħatja talli kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika Benzylpiperazine (BZP) li hija kkontrollati u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kellhom l-ebda

awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li **juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom**, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmija **Wayne Pisani u Justin Zahra** ħatja talli kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika Benzylpiperazine (BZP) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li **juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom**, kif ukoll li Justin Zahra rrenda ruhu recidiv;

U talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u li jigu kkundannati ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A (1)(2)(3), 120A(1)(a),(2),(2)(a)(ii),(2A),(2B) u 121A ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x’Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta’ l-1985), l-Avvizi legali 77 ta’ l-1988 u 183 ta’ l-1999 u fl-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata ghall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużati.

Rat l-eċċezzjonijiet preliminari ta’ Justin Zahra u ta’ Wayne Pisani li huma dawn t’hawn taħt.

L-eċċezzjonijiet ta’ Justin Zahra huma:

a) Illi ghandu jigi sfilzat mill-process l-istatement ta’ l-akkuzat illi huwa irrilaxxa fl-14 ta’ Novembru 2009 stante illi l-istess akkuzat ma nghatax il-fakulta` li jikkomunika ma’ Avukat. F’dan is-sens id-difiza tattira l-attenzjoni ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali per Imhallef Gino Camilleri.
b) Illi dak kollu li l-imputat Justin Zahra seta` qal lil xi membru tal-korp tal-Pulizija waqt l-investigazzjoni qabel ma nghata l-fakolta` li jqabbad Avukat tax-xelta tieghu ma jikkostitwix prova u ghandu jigi skartat in vista ta’ dak li gie deciz kemm mill-Qrati nostrana fis-sentenza tal-Qorti Civile Sede Kostituzzjonali repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri per Imhallef Anthony Ellul, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.
c) Illi r-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi l-espert ikkonkluda r-relazzjoni tieghu fuq dak li qalulu diversi impjegati tal-vodafone, u cioe` Demaris Mifsud u d-dokumentazzjoni rilaxxjata minnha datata 23 ta’ Dicembru 2009 u mibghuta lilu qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament minnha kif kien ordnat li jaghmel u dan ai termini tad-digriet datat 3 ta’ Dicembru 2009. L-istess jinghad ghall-impjegati ta’ Mobisle Communications Limited ezercitanti l-kummerc GO u l-informazzjoni rilaxxata mill-impjegat Anthony Bonnici, datata 10 ta Dicembru 2009 li ukoll ma tirrizultax li giet konfermata fil-guramenti.
d) Illi in subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-relazzjoni ta’ l-espert tekniku Martin Bajada ghandha tigi sfilzata peress illi tali xhud m’ghandux dik is-sengha specjali u teknika fil-qasam tat-teknologija u ghalhekk in-nomina tieghu ma saritx skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 650 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
e) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessa mill-ligi.

L-eċċezzjonijiet ta’ Wayne Pisani huma:

A. Illi l-Ewwel u t-Tieni Kap jittrattaw is-sustanza kokajina. Illi fl-Ewwel Kap qed jigi ittrattat ir-reat ta’

traffikar u fit-Tieni Kap qed jigi ttrattat ir-reat ta’ pussess mhux ghall-uzu esklussiv dejjem ta’ din is-sustanza. Dan dejjem a tenur tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dawn iz-zewg delitti jittrattaw l-istess piena kontra l-esponenti.
Illi dawn iz-zewg kapi jittrattaw ghemil li allegatament sehh fl-istess zmien.

Illi ghaldaqstant hawn si tratta ta’ vjolazzjoni tal-principju tar-“rule against duplicity” jew subordinatament ghandu jsehh da parti tal-Avukat Generali dikjarazzjoni li dawn iz-zewg kapi huma alternattivi.

Illi tenut kont tat-taghlim tal-“House of Lords”, ir-“rule against duplicity” ghandha tigi kkunsidrata ukoll fil-kuntest tal-fatt li minkejja li t-Tieleta u r-Raba Kapi jittrattaw sustanzi differenti, xorta wahda dan kollu sehh fl-istess perjodu, cirkostanzi u bl-istess fatti specie.

Ghaldaqstant jemergi li dan kollu allegatament huwa “forming part of the same transaction or criminal enterprise”.

Tkompli tissahhah din l-ipotesi tal-ligi, fil-kuntest li l-Avukat Generali bl-applikazzjoni tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, sejjer jishaqq li huwa inutili li akkuzat wiehed jishaqq fuq liema huma s-sustanzi li kienu tieghu u liema le, stante li, l-fatti specie tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, f’xi forma jew ohra jissussitu.

Dan naturalment bla pregudizzju li jkun irtirat, fl-eventwalita` li l-Avukat Generali jiddikjara li l-fatti ta’ dan il-kaz ma jwasslux sabiex l-artikolu citat ma huwiex applikabbli.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed iressaq din l-eccezzjoni a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

B. Illi l-istqarrijiet rilaxxati mill-esponenti ma ghandhomx ikunu meqjusa bhala prova ammissibbli, salv diskjarazzjoni b’mod iehor da parti tal-Qorti Kostituzzjonali, in rigward id-dritt ghall-assistenza legali, kemm qabel u kemm waqt it-tehid tal-istess stqarrijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed iressaq din l-eccezzjoni a tenur tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Avukati Difensuri.

Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel l-eċċezzjonijiet ta’ Justin Zahra.

**L-ewwel Eċċezzjoni - Talba għall-isfilz tal-istqarrija magħmula mill-akkużat fl-14 ta’ Novembru 2009.**

L-akkużat qed jissottometti li fid-dawl tad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-istqarrija magħmula mill-akkużat fl-14 ta’ Novembru 2009 għandha tkun sfilzata.

Din in-Nota tal-Eċċezzjonijiet kienet ippreżentata fit-28 ta’ Ġunju 2012. Dan kien qabel ma ngħatat is-sentenza aħħarija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ‘Charles Steven Muscat versus Avukat Ġenerali’ fit-8 t’Ottubru 2012 li ma kkonfermatx is-sentenza msemmija mill-akkużat.

Teknikament l-artikoli 658 sa 661 tal-Kap 9 għadhom bħalma kienu qabel. Għalhekk l-istqarrija kif ittieħdet fl-14 ta’ Novembru 2009 għadha prova ammissibbli.

Aktar u aktar hija ammissibbli fid-dawl ta’ dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fit-8 t’Ottubru 2012.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi billi tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni.**

**It-Tieni Eċċezzjoni – Dak li qal l-akkużat lill-Pulizija ma jikkostitwix prova.**

L-akkużat jirreferi għas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri' deċiża mill-Imħallef l-Onor.Dr Tonio Ellul. Din is-sentenza għadha m'għaddietx in ġudikat għax, waqt li qed tinkiteb din is-sentenza, l-appell minnha għadu pendenti. Għalhekk għad m'hemm ebda insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali dwar jekk dak li jintqal lill-Pulizija għandux jitqies bħala ammissibbli jew le.

Iżda barra dan, l-akkużat imkien ma indika x'qal lill-Pulizija li huwa qed iqis bħala li seta' jinkriminah. Minflok huwa għażel il-verb 'seta' qal'.

Huwa propju hawn li jinsab it-tieni nuqqas ta' din l-eċċezzjoni għaliex f'dan l-istadju l-akkużat naqas li jindika biċ-ċar il-kliem, frażijiet jew sentenzi biex il-Qorti tiffoka fuqu.

Madanakollu, il-Qorti iżda fliet l-atti ħalli tara ssibx xi ħaġa li ntqalet lill-Pulizija (barra d-diversi stqarrijiet) u ma sabet li qal xejn lill-Pulizija, kemm qabel u wara t-tfittxija, li seta' jinkrimina lill-akkużat. Dan kien it-tielet nuqqas ta' din l-eċċezzjoni.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni.**

**It-Tielet Eċċezzjoni hija dwar ir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada**

L-akkużat jissottometti li din ir-relazzjoni għandha tkun sfilzata minħabba li l-espert straħ fuq dak li qalulu l-impjegati tal-Vodafone u tal-Mobisle Communications Limited. Il-Prosekuzzjoni iżda ma qablitx ma' din is-sottomissjoni . Mill-atti jirriżulta li Demaris Mifsud (23 ta' Dicembru 2009) u Anthony Bonnici (5 ta' Jannar 2010) (Dok CN 113 DA) t-tnejn ikkonfermaw l-informazzjoni li taw bil-ġurament. Ukoll id-dokumenti bid-dati tal-10 ta' Diċembru u t-23 ta' Diċembru ġew ikkonfermati bil-ġurament.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet eċċezzjoni.**

**Ir-raba' eċċezzjoni hija dwar il-ħila teknika tal-espert Martin Bajada.**

L-akkużat issottometta li l-espert tekniku Martin Bajada m'għandux is-sengħa speċjali u teknika kif jitlob l-artikolu 650 tal-Kap 9.

Il-Prosekuzzjoni ssottomottiet li dan l-espert ma kienx rekużat matul il-kumpilazzjoni.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett, l-akkużat kellu ċ-ċans li jirrekuża lill-espert meta nħatar. Issa li ġew kompilati l-atti, huwa tard wisq biex wieħed iqajjem kwistjoni li jmissha tqajmet fl-istadju opportun.

Barra dan, l-espert maħtur mhux l-ewwel darba li ngħażel mill-Qorti sabiex jagħmel din it-tip ta' analiżi. Huwa xehed diversi drabi matul il-ġurijiet u hawn l-espert l-ewwel ħaġa li jagħmel huwa li jispjega x'inhi l-ħila tiegħu propju f'dan il-qasam li għalih inħatar.

**Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa' din ir-raba' eċċezzjoni.**

**L-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Wayne Pisani**

**L-Ewwel Eċċezzjoni - Delitti li jittrattaw l-Istess Piena**

L-akkużat irrefera għar-rule against duplicity li għandha tapplika kemm bejn l-ewwel u t-tieni kap kif ukoll bejn it-tielet u r-raba' Kap.

L-Ewwel Kap huwa dwar ' li biegħu jew xort'oħra ttraffikaw' id-droga kokaina.

It-Tieni Kap huwa dwar 'il-pussess tal-kokaina f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu tagħhom.

It-Tielet Kap huwa dwar 'pussess tar-raża tal-cannabis f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħhom'

Ir-Raba' Kap huwa 'pussess ta' Benzylpiperazine (BZP) li ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom'

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li jingħaqdu l-ewwel u t-tieni kap tal-Att tal-Akkuża. F'okkażjonijiet oħra l-Qorti esprimiet ruħha dwar din l-eċċezzjoni u m'hi qed tara ebda raġuni għala għandha tagħti deċiżjoni differenti. Żgur li mil-lat prattiku, meta l-każ irid ikun deċiż mill-ġurija, ikun eħfef għal min għandu jiddeċiedi li jkunu ftit alternattivi taħt kull kap milli salt alternattivi taħt kap wieħed.

Barra minn dan, ukoll jekk hija kontemplata l-istess piena, ir-reat ta' traffikar ta' droga mhux l-istess bħal pussess mhux għall-użu esklussiv.

Dwar it-tielet u r-raba' kapi, minn qari akkurat tagħhom jirriżulta li t-tip ta' droga hija differenti.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel eċċezzjoni.**

**It-Tieni Eċċezzjoni – L-istqarrijiet m'għandhomx jitqiesu bħala prova ammissibbli.**

Biex tevita dupplikazzjoni tal-argumenti għal xejn, il-Qorti qed tirreferi għal dak li ntqal dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat Justin Zahra.

Il-Qorti qed tiċħad din it-tieni eċċezzjoni għall-istess raġunijiet mogħtija taħt dik l-eċċezzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------